# L-"Għażiż Karmenu . . ."

**Emanuel F. Attard**

INTERESSANTI L-FATT li minn tlitt irħula ġirien tagħna ħarġu għadd ta' persunaġġi li, fost oħrajn, għamlu isem u huma ta' ġieħ kbir fil-qasam tal-Letteratura Maltija. Minn Ħaż-Żebbuġ ħarġu Mikiel Anton Vassalli u Dun Karm; minn Ħal Qormi, Ġużè Muscat Azzopardi; u mis-Siġġiewi Patri Ġużeppi Delia u Karmenu Vassallo: kollha m'għadhomx fostna – l-aħħar wieħed minnhom li ħalliena kien l-"Għażiż Karmenu" li miet f'April, 1987. Tabilħaqq, għalkemm kien ilu ma jiflaħx u rtirat ġewwa daru xorta waħda, iżda, mewtu ħasditna lkoll. Ma stennejnihiex hekk malajr. . .

Mogħni b'personalità qawwija u li tiġbdek konna tant drajnieh li, hekk, bħal sthajjilnieh li kien sejjer idum fostna għal ħafna aktar snin. . . Karmenu Vassallo kien bniedem ta' qalb kbira u raġel fuq l-irġiel – kif jammetti kull min kellu x-xorti li jkun jafu mill-qrib. Kif kien jixraq u wkoll mistenni – għaliex le? – minn Poeta kbir, mill-ewlenin ta' pajjiżna: wieħed li għamel isem u li għolla sewwa 'l Ilsienna, l-Ilsien li tant ħabb, għażż u ħabrek għalih matul ħajtu kollha! Il-vojt li ħalla nħass u jibqa' jħossu kull min igħożż il-Letteratura, l-aktar il-Poeżija Maltija. L-Għażiż Karmenu miet u ħalliena – imma ismu ma jintesa qatt – u l-poeżija li għanna minn qalbu tibqa' għal dejjem, kif kien qal tant tajjeb il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, u kif insibu miktub fuq l-istess qabru Ħaż-Żebbuġ.

Sirt nafu mill-qrib meta ltqajt miegħu għall-ewwel darba jum minnhom fl-1946 fi Pjazza Reġina, il-Belt. Allura student żagħżugħ kont smajt ħafna bih u qrajt bosta minn xogħlijietu. Ġie d-diskors – għax il-kliem bħaċ-ċirasa, kif ngħidu – niftakar kien qalli li ma kienx ġej minn xi familja għanja għax missieru dari kien armat bil-karrozzin. Mill-ewwel inġbidt lejh u żidt l-ammirazzjoni kbira li kelli għalih għax, barra l-ġenju poetiku li kellu – ġenju Malti f'kull sens! – kien imżejjen b'umiltà tassew rari. Don li, b'xorti tajba, baqa' jispikka fil-karattru uniku tiegħu sa l-aħħar ta' ħajtu: effett ta' intellett qawwi u riflessiv. Bħalxejn, jitlef sabru u jitlagħlu – imma wara jisgħobbih u jgħaġġel jiskuża ruħu: l-istess ħarstu u t-ton ta' kliemu xhieda tas-sinċerità tiegħu. Li Karmenu Vassallo kien bniedem tabilħaqq umli u sinċier (u Nisrani eżemplari għalkemm, kollox ma' kollox, pessimist) u, fl-istess ħin, poeta kbir Malti jammettih kulħadd.

Tifkira għażiża tiegħu li għandi hija l-ġabra ta' versi, *Tnemnim*, li kien irrigalali ftit wara li dehret fl-istampa fl-1970. Ngħid għalija, bqajt dejjem impressjonat b'dak li l-Poeta ħalla miktub fl-ewwel paġni ta' din l-antoloġija u, li ta' miħ jikkwotaha hawnhekk u jixtarrha – għax nistgħu nifhmu xi ftit aħjar is-sigriet tal-kobor tal-lehma Vassalljana: Qallu Dun Karm fl-1932: "Aħseb ħafna, għarbel sewwa u ikteb ftit." Wieġbu Vassallo fl-1970:



"Biex inħares li għedtli nfnejt, tmermirt:
bilkemm flaħt nimxi meta messni tirt."

Fil-fatt, madankollu, issa li m'għadux magħna dan jista' jingħad – għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt kif kien jisbel għalija li kellu jaqra dan! – Vassallo ħallielna għadd sewwa ta' poeżiji l-ġmiel tagħhom u l-lehma tiegħu, bħall-ajkla Danteska fl-Italja u dik Dunkarmjana f'pajjiżna, ittajret hekk 'il fuq u laħqet qċaċet li, tabilħaqq ftit poeti oħra Maltin seħħilhom jilħqu sa issa. Din m'hijiex il-fehma tiegħi biss iżda ta' wħud mill-aqwa kritiċi letterarji tagħna. Bil-poeżiji li damm u għanna stagħniet il-Letteratura Maltija u stagħna intellettwalment kull Malti ġej minn liema naħa ta' pajjiżna ġej, hu min hu u hu x'inhu. . . Bla xejn dubju li ma kellniex lil Karmenu Vassallo l-wirt nazzjonali tagħna kien ikun wisq ifqar milli, irroddu ħajr 'l Alla, hu l-lum. Intenni dak li darba għedt: tkun ħaġa mill-aktar xierqa għall-memorja ta' Karmenu Vassallo li xi darba, xi ħadd kompetenti, jaqliblu xogħlijietu – jew talanqas uħud mill-aħjar fosthom – f'ilsna barranin (bl-Ingliż jew bit-Taljan, ngħidu aħna) ħalli jsir magħruf aħjar barra mix-xtut tagħna, għax aħna poplu żgħir wisq, "mitlufa" qalb tant ġnus oħra. . . Inħoss li l-Letteratura Maltija u n-Nazzjon ċkejken tagħna jogħlew sewwa fl-istima tal-barranin.

Karmenu Vassallo (it-tieni mix-xellug) flimkien ma' grupp taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara.

